**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 6 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 5**
**Rikors Nru. 18/2018JZM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

***kontra***

**1. Joseph Ayling (K.I. numru 48179 [M]) u**
**2. Herbert u Annunziata mizzewgin Ayling (K.I. numri 843652 [M] u 543851 [M])**

**Il-Qorti :**

**A. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta` Jannar 2018 li jaqra :–

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro datat 30 ta` Jannar 2007 (Dok. "A") u f`zewg skritturi privati datati 30 ta` Settembru 2006 (Dok. "B") u 29 ta` Novembru 2007 (Dok. "C"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph Ayling;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-intimat Joseph Ayling fis-somma ta` hamsa u sebghin elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€75,235.56) bilanc ghad-depitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta` Joseph Ayling mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u dok. "F1 sa F4") flimkien ma` l-imghaxx ulterjuri mit-2 t`Awwissu 2017 sad-data ta` l-effettiv pagament;*

*3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro datat 30 ta` Jannar 2007 (Dok. "A"), il-konvenuti Herbert u Annunziata mizzewgin Ayling iggarantew flimkien u "in solidum" ma` Joseph Ayling ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-depiti tal-istess Joseph Ayling mal-Bank of Valletta p.l.c sal-valur ta` sitta u erbghin elf, hames mija u segbgha u tmenin Ewro (€46,587.00);*

*4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "A", "B" u "C"), partikolament imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*5. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta` zewg ittri ufficjali datati 7 ta` Jannar 2014 li kopja taghhom qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok. "G", u dok. "H", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m`Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "A", "B" u "C") partikolarment imam mhux esklussivament,*

*billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u*

*2. Tikkundanna lill-konvenut Jospeh Ayling ihallas flimkien u "in solidum" lis-socjeta` attrici s-somma ta` hamsa u sebghin elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€75, 235.56) bilanc ghad-depitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta` Jospeh Ayling mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F1 sa F4") flimkien mal-imghaxx ulterjuri mit-2 t`Awwissu 2017 sad-data ta` l-effettiv pagament;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti Herbert u Annunziata mizzewgin Ayling ihallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta` sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin Ewro (€46,587.00) bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta` Joseph Ayling mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F1 sa F4") flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-13 ta` Jannar 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 7 ta` Jannar 2014 u tal-Mandati ta` Sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Ayling prezentata fil-15 ta` Frar 2018 li tghid :–

*L-esponenti jaghraf u jammetti li l-bilanc dovut minnu lill-attrici rapprezentanti debiti huwa ta` hamsa u sebghin elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€75,235.56) u ghaldaqstant qieghed jirregistra ammissjoni f`dan is-sens.*

Rat in-nota tal-konvenuti Herbert u Annunziata mizzewgin Ayling prezentata fil-15 ta` Frar 2018 u li taqra hekk :–

*L-esponenti jaghmlu referenza ghan-nota ta` ammissjoni ta` binhom il-konvenut Joseph Ayling li permezz taghha ikkonferma li l-ammont totali dovut lill-attrici minnu huwa ta` hamsa u sebghin Elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€75,235.56).*

*Da parti taghhom l-esponenti jikkonfermaw illi huma kienu ggarantew flimkien u in solidum ma` Joseph Ayling, id-debiti tal-istess Joseph Ayling sal-valur ta` sitta u erbghin, hames mija seba` u tmenin Ewro (€46,587.00).*

*L-esponenti ghaldaqstant jaqblu li l-ammont dovut minnhom huwa dak ta` sitta u erbghin Elf, hames mija u sebgha u tmenin Ewro (€46,587.00).*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Frar 2018.

Rat illi fl-udjenza min-naha tal-konvenut Joseph Ayling, l-ammissjoni tieghu kienet estiza ghall-imghax b`effett mit-2 ta` Awissu 2017.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota ta` riduzzjoni li pprezenta l-bank attur, fejn filwaqt li zamm fermi u shah il-pretensjonijiet kollha tieghu fil-konfront tal-konvenut Joseph Ayling, irriduca l-pretensjoni tieghu limitatament fir-rigward tal-konvenuti Herbert u Annunzjata Ayling kif dedotti fit-tielet talba attrici, ghas-somma ta` disa` u tletin elf, mitejt u tletin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€39,230.47) flimkien mal-imghax legali mit-30 ta` Jannar 2017 sal-jum tal-effettiv pagament.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti Herbert u Annunziata mizzewgin Ayling fejn ammettew it-talba kif dedotta u ridotta kontra taghhom.

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess, il-Qorti trid taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**Tilqa` l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet attrici;**

**Riferibbilment ghat-tielet (3) talba tikkundanna lill-konvenuti Herbert u Annunziata mizzewgin Ayling ihallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta` disgha u[i] tletin elf mitejn u tletin Euro sebgha u erbghin centezmu (€39,230.47) bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta` Joseph Ayling mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F1 sa F4") flimkien mal-imghax legali b`effett mit-30 ta` Jannar 2007[ii] sad-data ta` l-effettiv pagament;**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta` Jannar 2014 u tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju li kien prezentat fit-8 ta` Jannar 2018.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**

---

[i] B`digriet tas-16 ta' April 2018 gew mizjuda l-kliem "dizgha u" wara l-kliem "is-somma ta`" u qabel il-kliem "tletin elf".

[ii] B`digriet tas-16 ta' April 2018 l-figuri "2017" gew mibdula ghal "2007"